**Seminar għar-Raħħala u Bdiewa dwar Miżura 114: Servizz ta' Pariri**
**18.03.09**

Naħseb li f'dawn it-tlett siegħat fejn ġejtu mogħtija informazzjoni dwar il-Pjan tal-Iżvilupp Rurali, kellkom tagħrif biżżejjed biex sirtu konxji iktar mill-għajnuna li teżisti mill-UE speċifikament għalikom u li tindirizza l-ħtiġijiet tagħkom.

Smajtu kif il-Pjan ta' Żvilupp Rurali għal Malta li jkopri perjodu ta' 7 snin – mill-2008 sal-2013, hu maqsum f'4 prioritajiet. Illum ġiet diskussa l-Ewwel Prijorita' - dik li tiffoka fuq il-Kompetitivita' tas-settur agrikolu. Il-Miżura li din is-Sessjoni ta' Informazzjoni qed titkellem dwarha, jiġifieri l-Miżura 114, hija waħda mill-miżuri li qed tindirizza u twassal għal tkabbir fil-kompetittivita' fl-agrikoltura Maltija.

Kull ma jmur il-progress fil-ħajja mgħaġġla tallum qiegħed ixekkel l-ambjent u l-ħajja agrikola qed issir iktar diffiċli minn qatt qabel. Hawn inqas ħaddiema f'das-settur agrikolu minn qabel u għalhekk il-piż tax-xogħol fuqkom huwa kbir, tridu tlaħħqu ma' iktar spejjeż biex timmodernizzaw l-apparat tagħkom, eċċ. U l-UE għarfet il-bżonnijiet speċifiċi tar-raħħala u l-bdiewa. Din il-miżura tindirizza l-bżonn li l-azjendi agrikoli Maltin għandhom biex itejbu l-operat tagħhom ħalli b'hekk ikunu jistgħu ilaħħqu ma' żviluppi u tekniċi ġodda li jżidu kemm l-effiċjenza kif ukoll il-vijabilita' ekonomika. Dan iwassal għal tkabbir fil-kompetittivita fl-agrikoltura Maltija.

Din il-miżura qeda tgħin biex ittaffi ftit mill-ispejjeż relatati ma' modernizzazzjoni tar-raba' u l-irziezet, permezz ta' għajnuna fl-użu ta' servizzi ta' pariri għalikom. Il-Miżura qed tikkumpensa għall-parti mill-ispejjeż li toħorġu meta tużaw is-servizz ta' pariri mħaddem minn esperti kkwalifikati f'dan il-qasam.

Hemm il-ħtieġa li l-bdiewa jibdew jadattaw il-prattiċi tagħhom biex jibdew jimxu ma' standards ġodda ta' ħarsien tal-ambjent, sigurta' fuq il-post tax-xogħol, indafa u kura tal-annimali. Waħda mill-għanijiet tal-miżura hi li tgħinkom biex tagħmlu użu minn prattiċi sostenibbli sabiex innaqsu l-impatt tal-agrikoltura fuq l-ambjent.

Dan ikun qed jinkwadra fil-viżjoni li għandu l-gvern għall-kommunitajiet sostenibbli. Li tagħrfu tutilizzaw prattiċi għall-immaniġjar tajjeb tal-farms, u ssegwu prattiċi eżemplari għall-ħarsien tal-ambjent f'xogħlkom ikun qed jgħin fl-iżvilupp sostenibbli ta' pajjiżna.

Nenfasizza l-punt li l-fondi Ewropej biex ittejbu l-operat tagħkom jeżistu. U t-tagħrif jeżisti wkoll. Dan għandu jservi ta' inċentiv għalikom biex tapplikaw u tagħmlu użu tajjeb minn din il-Miżura.

Nixtieq nirringrazzja lill-MEUSAC għar-rwol tagħhom biex jipprovdu informazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' Programmi tal-UE, kif ukoll lill-MRRA li qed joperaw din il-miżura. Nirringrazzja wkoll lill-BOV għas-sehem tagħhom fejn ipprovdewlkom informazzjoni dwar għajnuna biex tiffinanzjaw il–proġetti. Grazzi lilkom ukoll tal-interess li qed turu.